

32007D0157

L 68/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.3.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Marzu 2007

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/317/KE dwar miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' l-organiżmu mhux awtorizzat, immodifikat ġenetikament Bt10 fil-prodotti tal-qamħirrum

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 674)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/157/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprevedi għall-possibbiltà li jiġu adottati miżuri xierqa Komunitarji ta' emerġenza għall-ikel u l-ġhalf importati minn pajjiżi terzi sabiex ikun hemm protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa ta' l-annimali jew ta' l-ambjent, meta r-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kkonċernati.
- (2) Wara li ġiet infurmata mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li kien probabbli li l-prodotti tal-qamħirrum ikkontaminati bil-qamħirrum mhux awtorizzat immodifikat ġenetikament li jissejjaħ Bt10 ġew esportati lejn il-Komunità u fid-dawl ta' stqarrija mill-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà dwar l-Ikel fejn ġie konkluż li fl-assenza ta' *data* li hija komprensiva biżżejjed kien impossibbli li jitwettaq assessjar komplut tar-riskji tal-Bt10 skond l-istandards stipolati fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat fit-18 ta' April 2005 Deċiżjoni 2005/317/KE dwar miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' l-organiżmu mhux awtorizzat mmodifikat ġenetikament Bt10 fil-prodotti tal-qamħirrum ⁽³⁾.
- (3) Id-Deċiżjoni 2005/317/KE teħtieġ li l-konsenji tal-prodotti tal-qamħirrum li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u li huwa probabbli li jkunu kkontaminati (l-iktar l-ġhalf tal-glutina tal-qamħ u l-ġhalf taċ-ċereali użati għall-birra) jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jiġi pprovdut rapport

analitiku li juri li l-prodotti mhumiex ikkontaminati bil-qamħirrum immodifikat ġenetikament Bt10.

- (4) Sabiex tkun aċċertata l-proporzjonalità u biex jiġi evitat li r-restrizzjoni tal-kummerċ tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa ta' l-annimali jew ta' l-ambjent, id-Deċiżjoni 2005/317/KE tinkludi klawżola għal reviżjoni biex jiġi vvalutat jekk il-miżuri ta' emerġenza kienu għadhom meħtieġa jew le.
- (5) Il-miżuri ġew riveduti darbtejn f'Ottubru 2005 u f'Marzu 2006 u, f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri il-Kummissjoni kkonkludiet li kellhom jinżammu fis-seħħ sakemm tkun disponibbli iktar informazzjoni dwar esportazzjonijiet ta' prodotti tal-qamħirrum li huwa probabbli jkun ikkontaminat bil-Bt10.
- (6) Skond *data* analitika pprovduta mis-Syngenta, il-kumpanija li żviluppat il-qamħirrum mmodifikat ġenetikament Bt10, it-testijiet li saru fl-Istati Uniti u li saru fi qbil ma' metodu ta' testjar invalidat miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u vverifikat mid-Dipartiment ta' l-Agricoltura ta' l-Istati Uniti juru li eba kampjun ma ttestja pożittiv għall-preżenza tal-Bt10 mill-bidu ta' Novembru 2005. L-approprijatezza tal-metodu ta' osservanza ġie iktar analizzat u reċentament ikkonfermat miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea.
- (7) Skond l-informazzjoni pprovduta reċentament lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ittieħdu serja ta' azzjonijiet mis-Syngenta bl-involvement tad-Dipartiment ta' l-Agricoltura ta' l-Istati Uniti sabiex ikun aċċertat li l-Bt10 ma jiġix ippropagat fil-ġermoplażma tal-kumpanija u/jew jinxtered fid-direzzjonijiet tal-produzzjoni kummerċjali.
- (8) Mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2005/317/KE każ wieħed biss ta' dħul tal-Bt10 fil-Komunità ġie rreġistrat, fl-24 ta' Mejju 2005. Konsenja ta' prodotti tal-qamħ qirrum ikkontaminati bil-Bt10 telqgħet mill-Istati Uniti qabel id-disponibbiltà tar-riżultati analitiċi tat-testjar u ġiet innotifikata mill-importatur qabel il-wasla tal-bastiment fl-Irlanda. B'hekk kien hemm prevenzjoni tal-bejgħ fis-suq tal-prodott ikkontaminat.

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).

⁽³⁾ ĠU L 101, 21.4.2005, p. 14.

- (9) Minbarra dan il-każ speċifiku, ebda osservanza tal-Bt10 ma' ġiet irrappurtata mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.
- (10) Skond din l-informazzjoni jista' jiġi konkluż li mhux aktar neċessarju li tinżamm fis-seħħ il-kondizzjoni obbligatorja ta' ċertifikazzjoni. Huwa b'hekk xieraq li tiġi rrevokata d-Deċiżjoni 2005/317/KE.
- (11) Huwa b'hekk xieraq li l-Istati Membri jibqgħu jimmonitorjaw, għal perijodu ta' sitt xhur oħra, skond livell xieraq ta' testjar bl-inzertaturi, jekk il-prodotti tal-qamħirrum ikkontaminati bil-Bt 10 għadhomx preżenti fis-suq. Riżultati pożittivi (mhux favorevoli) għandhom jiġu kkomunikati minnufih permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-ikel u għall-għalf li f'dak il-każ il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk hija meħtieġa azzjoni oħra.
- (12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformita ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/317/KE hija rrevokata.

Artikolu 2

Għal perijodu ieħor ta' sitt xhur l-Istati Membri għandhom jaċċertaw livell xieraq ta' testjar bl-inzertaturi għall-verifika ta' l-assenza tal-qamħirrum immodifikat ġenetikament Bt10 fil-prodotti li ġejjin li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika:

- Għalf tal-glutina tal-qamħ li fih jew li jiġi prodott min qamħirrum immodifikat ġenetikament fi ħdan il-kodiċi CN 2309 90 20
- Qmuħ tal-birra li fihom jew li huma prodotti minn qamħirrum modifikat ġenetikament fi hdn it-tifsira tal-kodiċi CN 2303 30 00

Riżultati pożittivi (mhux favorevoli) ser jiġu kkomunikati permezz tas-Sistema Rapida ta' Twissija għall-ikel u l-għalf.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni